MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 710/2010

**Euro Appliances Co. Limited (C-9807)**

**vs**

**Frank Borda Limited**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikortrenti ossia attrici Euro Appliances Limited fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' intimata, ossia konvenuta, Frank Borda Limited, permezz ta' pretensjonijiet li hija ghamlet mas-socjeta' rikorrenti, qed tippretendi li hija ghandha tithallas is-somma ta' €113,903.58 ghal dak minnha imsejjah bhala "premium" ta' "insurance cover", "storage charges" u "VAT" u dan riferibilment ghal hekk imsejjah "unsalable

stock” ta’ “spare parts” u “appliances” li huma jallegaw li qeghdin izommu fl-interess tas-socjeta’ rikorrenti u dan kalkolat ghall-perijodu sal-30 ta’ Gunju 2010.

Illi l-agir da parte tas-socjeta’ intimata, partikolarment it-talba li qed issir mensilment lis-socjeta’ rikorrenti (Dok A) qieghed jivvessa lis-socjeta’ rikorrenti u ghalhekk hija ghandha interess li tillibera ruhha minn din il-millantazzjoni tas-socjeta’ intimata.

Ghalhekk is-socjeta’ attrici qed titlob, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, li jigi prefiss terminu lis-socjeta’ intimata ta’ mhux aktar minn tlett xhur, sabiex din tiddeduci l-pretensjonijiet taghha u tieqaf tivvessa lis-socjeta’ rikorrenti u, fil-kaz li s-socjeta’ intimata ma tiddeduciex il-pretensjonijiet taghha fit-terminu lilha moghti, li jigi impost fuq is-socjeta’ s-silenzju perpetwu billi jigi lilha impedut li tkompli tivvessa lis-socjeta’ rikorrenti u li qatt tipprocedi bil-pretensjonijiet immaginarji taghha.

B’ riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ rikorrenti u bl-ispejjez kollha komprizi dawk ta’ zewg ittri bonarji kontra s-socjeta’ intimata li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni. .

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta Frank Borda Limited fejn gie sottomess:-

Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda u dan stante illi l-ittra ufficjali imsemmija giet intavolata principalment ghall-skopijiet ta’ preskrizzjoni u dan billi hemm kawza ohra pendenti quddiem din il-Qorti bejn l-istess partijiet fl-ismijiet “Euro Appliances Limited vs Frank Borda Limited” (citazzjoni 336/01 JRM) li tinsab differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2010 u l-ezitu ta’ din il-kawza jkollha effett dirett fuq il-validita’ o meno tat-talba tal-esponenti kontenuta fl-imsemmija ittra uffiicjali billi tirrigwarda decizjoni dwar min huwa l-propjetarju tal-oggetti li qed jinhaznu mill-esponenti u li taghhom qed jintalab storage fees fl-ittra ufficjali imsemmija.

Jekk l-esponenti jiddeducu l-pretensjoni taghhom permezz ta’ kawza, apparti li din tista’ tkun intempestiva, jista’ jkun hemm lok ukoll ghas-soprasessjoni billi l-ezitu finali jiddependi intrinsikament fuq l-ezitu tal-imsemmija kawza pendenti u konsegwentement it-talba odjerna ghandha tigi michuda f’dan l-istadju b’riserva ghal kull simili fil-futur wara li jkun hemm ezitu finali fl-imsemmija kawza pendenti.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-kaz li l-atturi jibqghu jippersistu b’din il-kawza anke meta jitnebhu li l-procedura tal-ittra ufficjali adottata mill-esponent hija wkoll fl-interess taghhom ghaliex tevita sparpaljar ta’ spejjez gudizzjarji bla bzonn, l-esponent jirriserva li jipprezenta l-kawza opportuna bil-konsegwenzi kollha li din tista’ iggib maghha.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta dwar il-kwestjoni tas-soprasessjoni kif sollevata fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-istess socjeta’. .

Rat in-nota responsiva tas-socjeta’ attrici dwar l-istess kwestjoni.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar it-talba ghas-soprasessjoni.

Ikkonsidrat:-

Il-kontendenti ghamlu referenza ghall-kawza ohra pendenti bejnithom quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u cioe c-citazzjoni numru 336/01 JRM fl-istess ismijiet. Il-kawza l-ohra tirrizulta li hi differita ghas-sentenza.

L-imsemmija kawza l-ohra tirrigwarda l-proprjeta' tal-oggetti li bhalissa jinsabu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta tikkontendi li l-ezitu tal-kawza l-ohra jista' jaffettwa l-agir futut tas-socjeta'

konvenuta u cioe’ jekk tipprocedix bil-pretensjonijiet taghha kif dedotti fl-ittra ufficjali imsemmija fir-rikors promotur u tagixxi kontra s-socjeta' attrici jew le. Is-socjeta’ konvenuta tikkontendi ukoll li in alternattiva l-imsemmija proceduri l-ohra jistghu jaffettwaw l-eventwali kawza li fiha jigu dedotti l-imsemmija pretensjonijiet kif dedotti fl-imsemmija ittra ufficjali.

Skond is-socjeta’ konvenuta hu car illi l-imsemmija ittra ufficjali saret biss ghall-finijiet ta’ interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Inoltre s-socjeta konvenuta tissottometti li f’kaz li dawn il-proceduri jigu decizi fis-sens li jigi prefiss terminu li fih l-istess socjeta’ konvenuta jkollha tiddeduci l-pretensjonijet taghha kontra s-socjeta attrici u fin-nuqqas jigi impost is-silenzju perpetwu fuqha, l-istess socjeta’ konvenuta tista tigi mcahhda mill-mezz li taghtiha l-ligi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni minghajr ma tipprezenta kawza, u dan meta l-presentata ta’ tali kawza tista tigi gudikata bhala intempestiva. Il-Qorti thoss li dawn is-sottomissjonijiet tas-socjeta’ konvenuta huma ragjonevoli u ghandhom jigu akkolti. Di piu', kif tajjeb issottomettiet is-socjeta' konvenuta, ir-rikors promotur ta' din il-kawza, u cioe' l-agir tas-socjeta attrici billi pprezentat dan ir-rikors, jista jkun li ma kienx wiehed spontanju izda kien reazzjoni pjuttost mghaggla ghall-ittra uficjali tas-socjeta’ konvenuta.

Barra minn hekk jidher li l-mertu tal-lanjanza bejn il-partijiet qieghda tigi kkunsidrata minn dina l-Qorti diversament presjeduta u ghaldaqstant, galadarba l-ezitu tal-kwistjoni se jigi affettwat minn dik id-decizjoni, il-kawza odjerna ma tkun xejn hlief tfixil fil-process tal-gudizzju sabiex tigi rizolta s-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz hu aktar ragjonevoli li jitwaqqaf temporaneament is-smigh tal-presenti proceduri sakhemm tigi deciza b’mod finali l-imsemmija kawz l-ohra.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa t-talba tas-socjeta’ konvenuta ghas-soprasessjoni u konsegwentement tissoprassjedi u ghall-mumet tieqaf milli tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza

sakhemm tigi deciza l-imsemmija kawza l-ohra. Tiddiferixxi l-kawza sine die riappuntabbli anke fuq talba verbali ta’ xi wahda mill-partijiet fi zmien xahar minn meta jigu decizi b’mod finali l-imsemmija proceduri fic-citazzjoni numru 336/01 JRM.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------